# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ġunju 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex kull persuna ssib faraġ fir-relazzjoni tagħha ma' Ġesù ħalli mill-Qalb tiegħu titgħallem turi mogħdrija ma' kulħadd.**

**Ninġabar:**
Nidħol fil-preżenza t'Alla u nitlob sabiex jgħinni ntejjeb ir-relazzjoni personali li għandi miegħu permezz tat-talb u fl-istess ħin nifhem aħjar it-tifsira il-kelma "mogħdrija".

**Fatt ċkejken:**



Fis-sebgħinijiet, Patricia Moore, li dak iż-żmien kien għad kellha 26 sena, kienet taħdem bħala *industrial designer* fil-kumpanija ta' R. Loewy, waħda mill-aqwa kumpaniji fi New York ta' dik il-ħabta. Darba, waqt laqgħa tax-xogħol staqsiet mistoqsija sempliċi: "Għaliex ma niddisinjawx bieba ta' friġġ li tkun tkun faċli li tinfetaħ anke minn min għandu l-artrite?" Wieħed mis-superjuri tagħha dlonk wieġeb: "Pattie, aħna ma niddisinjawx għal dawk in-nies!" Hi rrabbjat tassew għal dan il-kliem! X'jiġifieri "dawk in-nies"? Iddeċidiet li tagħmel esperiment. Bl-irtokk biddlet wiċċha biex tidher xiħa u mkemmxa. Libset nuċċali li jċajpar il-vista, infaxxat daharha biex tidher imħattba u saddet widnejha biex tnaqqas is-smigħ. Libset par żarbun b'suletti ta' ħxuna differenti u hekk kellha bilfors timxi bil-bastun. Ix-xwejħa Patricia damet 4 snin iddur bliet differenti fl-Amerka. Riedet tipprova tifhem l-isfidi li jgħaddu minnhom l-anzjani ta' kuljum. Riedet tifhem ukoll kif jittrattawhom in-nies l-oħra. Kienet tmur tixtri mis-supermarkets, titla' u tinżel it-turġien tal-ħwienet, taqbad it-trasport pubbliku, tiftaħ il-friġġ, tuża *can opener* u bosta attivitajiet oħra. Wara dawn l-esperjenzi, Patricia Moore, rnexxielha tieħu l-professjoni tagħha f'direzzjoni għalkollox differenti. Hija fil-fatt waħda mill-fundaturi ta' *Universal Design.* Dan ifisser li kull prodott ġdid jiġi ddisinjat b'tali mod li jista' jintuża minn firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' konsumaturi biex, jekk jista' jkun, ħadd ma jkun eskluż.

**Naħseb ftit:**
Forsi fil-ħajja tiegħi ta' kuljum hemm ukoll min ġie ttimbrat bħala "dawk in-nies"? Lest/a li nifhem id-diffikultajiet tagħhom billi ninsa ftit lili nniffsi u nisma' l-verżjoni tagħhom u naqsam magħhom xi tbatija mqar għal ftit tal-ħin jew kemm nista'?

**Nitlob:**
Ġesù agħtini qalb bħal tiegħek sabiex inkun nista' nifhem sew it-tbatija tal-"oħrajn" mingħajr ma niġġudikahom. Għinni nagħdirhom u kabbar fija x-xewqa li nieqaf magħhom fl-inkwiet li jġarrbu.

**Kliem ta' dawl:**
Jekk f'qalbek m'hemmx kompassjoni, tiġġudikax! *Anne McCaffrey*

**X'nista' nagħmel:**
Aqbad tkellem ma' xi ħadd li safa' mwarrab mill-oħrajn. Isimgħu b'qalb miftuħa. Tiġġudikahx u lanqas titħassru. Basta tkun hemm għalih/a!